IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.7.2017
COM(2017) 395 final

2017/0170 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Commonwealth tal-Bahamas li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Commonwealth tal-Bahamas dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Ir-Regolament (UE) Nru 610/2013 tas-26 ta' Ġunju 2013[1] (minn issa: l-emenda tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Shengen) emenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen[2] (CISA), ir-Regolament (KE) Nru 562/2006[3] (il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen [KFS]) u r-Regolament (KE) Nru 810/2009[4] (il-Kodiċi dwar il-Viżi) u – fost l-oħrajn – iddefinixxa mill-ġdid il-kunċett ta' "soġġorn qasir" fil-każ ta' ċittadini ta' pajjiż terzi fiż-żona Schengen. Sa mit-18 ta' Ottubru 2013, fil-każ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi – irrispettivament minn jekk kellhomx bżonn ta' viża jew le – li jkollhom l-intenzjoni li jivvjaġġaw lejn iż-żona ta' Schengen għal soġġorn qasir, it-tul massimu tas-soġġorn awtorizzat huwa definit bħala "90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum". Kuntrarju għad-definizzjoni fis-seħħ sat-18 ta' Ottubru 2013 (tliet xhur matul il-perjodu ta' sitt xhur mid-data tal-ewwel dħul), il-kunċett il-ġdid huwa aktar preċiż billi jistabbilixxi l-perjodu fi ġranet, minflok f'xhur. Barra minn hekk, it-terminu "mid-data tal-ewwel dħul" li wassal għal bosta inċertezzi u mistoqsijiet tneħħa mid-definizzjoni.

L-emenda tal-KFS introduċiet il-bidliet kollha meħtieġa fl-acquis tal-UE fil-qasam tal-viżi u l-fruntieri, i.e. il-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Shengen, il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Shengen, il-Kodiċi dwar il-Viżi u r-Regolament (KE) Nru 539/2001[5]. Madankollu, il-kunċett tas-soġġorn qasir huwa wkoll stabbilit fil-ftehimiet internazzjonali li ġew konklużi mill-Unjoni Ewropea. Il-ftehimiet ta' eżenzjoni mill-viża li ġew konklużi ma' Antigua u Barbuda[6], il-Bahamas[7], Barbados[8], il-Brażil[9], Mauritius[10], Saint Kitts u Nevis[11] u s-Seychelles[12] għadhom jirreferu għad-definizzjoni l-qadima ("tliet xhur matul perjodu ta' sitt xhur mid-data tal-ewwel dħul"[13]) meta jiġi definit il-perjodu tas-soġġorn mingħajr il-ħtieġa ta' viża.

Fis-16 ta' Lulju 2014, il-Kummissjoni adottat rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati biex jiġi emendat il-ftehim dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi msemmija aktar 'il fuq[14], li l-Kunsill adotta fid-9 ta' Ottubru 2014[15]. L-għan kien li tiġi implimentata d-definizzjoni l-ġdida ta' soġġorn qasir fir-rigward ta' dawn is-seba' pajjiżi, kif stipulat fl-emenda tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Shengen. Barra minn hekk, id-definizzjoni ta' "soġġorn qasir" fil-ftehimiet ta' eżenzjoni mill-

---

1 ĠU L 182, 29.06.2013, p. 1.
2 ĠU L 239, 22.09.2000, p. 19.
3 ĠU L 105, 13.4.2006, p. 1.
4 ĠU L 243, 15.9.2009, p.1.
5 ĠU L 081, 21.3.2001, p.1.
6 ĠU L 169, 30.6.2009, p. 3.
7 ĠU L 169, 30.6.2009, p. 24.
8 ĠU L 169, 30.6.2009, p. 10.
9 L-UE kkonkludiet żewġ ftehimiet mal-Brażil. Wieħed għal detenturi ta' passaporti ordinarji (ĠU L 255, 21.9.2012, p. 4) u wieħed separat għal detenturi ta' passaporti diplomatiċi, ta' servizz u uffiċjali (ĠU L 66, 12.3.2011, p. 2).
10 ĠU L 169, 30.6.2009, p. 17.
11 ĠU L 169, 30.6.2009, p. 38.
12 ĠU L 169, 30.6.2009, p. 31.
13 Cf. "Skop" u "Tul tas-soġġorn" fil-ftehimiet.
14 COM(2014)468 final.
15 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati għall-emendar tal-ftehimiet dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir bejn l-Unjoni/il-Komunità Ewropea u Antigua u Barbuda, il-Commonwealth tal-Bahamas, Barbados, ir-Repubblika Federali tal-Brażil, ir-Repubblika ta' Mauritius, il-Federazzjoni ta' Saint Kitts u Nevis u r-Repubblika tas-Seychelles, adottata mill-Kunsill fid-09.10.2014.

viża f'termini ta' *ġranet*, minflok f'termini ta' *xhur*, hija anqas ikkumplikata u tista' tiġi vverifikata u kkalkulata b'mezzi elettroniċi u għalhekk tkun aktar tixraq għal sistemi ċentralizzati ta' ġestjoni tal-fruntieri, bħas-sistema proposta ta' Dħul/Ħruġ (EES)[16].

Wara l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill, il-Kummissjoni bdiet negozjati biex jiġu emendati l-ftehimiet dwar eżenzjoni mill-viża mas-seba' pajjiżi (Antigua u Barbuda, il-Bahamas, Barbados, il-Brażil, il-Mauritius, Saint Kitts u Nevis u s-Seychelles).

In-negozjati mal-Commonwealth tal-Bahamas ġew iffinalizzati b'suċċess permezz tal-inizjalar tal-ftehim emendatorju fit-30 ta' Awwissu 2016. Iż-żewġ partijiet ftehmu li jadottaw definizzjoni ġdida ta' "soġġorn qasir" matul il-ftehim dwar l-eżenzjoni mill-viża bejn l-UE u l-Bahamas. Barra minn hekk, il-ftehim jimplika modifika ta' xi dettalji tekniċi (ara iktar 'l isfel), iżda l-emendi kollha mhumiex sinifikanti mill-aspett ta' vjaġġatur.

Is-sitwazzjoni speċifika tar-Renju Unit u tal-Irlanda hija riflessa fil-preambolu tal-ftehim.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Il-ftehim jobbliga l-approvazzjoni taż-żewġ partijiet kontraenti f'konformità mal-proċeduri rispettivi tagħhom. Min-naħa tal-Unjoni, dan jobbliga d-deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-ftehim.

Din il-proposta hija ppreżentata lill-Kunsill sabiex tawtorizza l-iffirmar tal-Ftehim biex jiġi emendat il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Commonwealth tal-Bahamas dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir.

Il-ftehim jiżgura li jkun hemm koerenza legali kif ukoll armonizzazzjoni fost l-Istati Membri, billi jimxi mad-definizzjoni l-ġdida ta' soġġorn qasir kif stipulata fl-emenda għall-KFS, li tipprovdi interpretazzjoni ċara ta' "soġġorn qasir".

Il-bażi ġuridika għal din il-proposta hija l-punt (a) tal-Artikolu 77(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE), flimkien mal-Artikolu 218 tiegħu.

L-Unjoni ma għandha ebda setgħa temenda l-ftehimiet dwar l-eżenzjoni mill-viża li jorbtu lill-erba' pajjiżi li huma assoċjati mal-implimentazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen, inkluża l-politika komuni dwar il-viżi. Sabiex jiġi żgurat approċċ armonizzat u implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-tul tas-soġġorn awtorizzat fiż-żona Schengen, dikjarazzjoni konġunta tinsab inkluża fil-ftehim, li tiddikjara x-xewqa li l-Bahamas, min-naħa l-waħda, u l-Iżlanda, Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera, min-naħa l-oħra, li jimmodifikaw b'dan il-mod il-ftehimiet dwar l-eżenzjoni mill-viża bilaterali attwali.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Jekk waħda mill-partijiet kontraenti għall-ftehim internazzjonali tkun l-Unjoni Ewropea, imbagħad kwalunkwe emenda ta' ftehim bħal dan ma tistax tiġi implimentata legalment mill-Istati Membri infushom. Il-ftehim dwar l-eżenzjoni mill-viża mal-Bahamas ġie konkluż mill-Unjoni Ewropea. Għalhekk, jeħtieġ azzjoni fil-livell tal-Unjoni.

Barra minn hekk, il-konklużjoni tal-ftehimiet dwar l-eżenzjoni mill-viża mill-Istati Membri jaffettwa l-acquis tal-Unjoni fil-qasam tal-viżi (l-Artikolu 3(2) TFUE).

[16] COM (2016)194 final.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta attwali ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb l-objettiv segwit, jiġifieri l-modifika tal-ftehim attwali dwar l-eżenzjoni mill-viża bejn il-Commonwealth tal-Bahamas u l-Unjoni.

3. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

Din il-proposta ma tinvolvix spejjeż addizzjonali għall-baġit tal-UE.

4. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Fid-9 ta' Ottubru 2014, il-Kunsill adotta direttivi ta' negozjati li awtorizzaw lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-Komunità tal-Bahamas biex temenda l-ftehim dwar l-eżenzjoni mill-viża bejn iż-żewġ partijiet. L-Istati Membri ġew infurmati dwar il-progress tan-negozjati f'laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Viża.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Ir-Riżultat tan-negozjati**

Il-Kummissjoni tikkunsidra li ntlaħqu l-għanijiet stabbiliti mill-Kunsill fid-direttivi ta' negozjati tiegħu u li l-abbozz tal-ftehim hu aċċettabbli għall-Unjoni.

Il-kontenut finali tiegħu jista' jitqassar kif ġej:

a. Id-durata tas-soġġorn

Il-ftehim jipprevedi vjaġġar mingħajr viża għaċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea u għaċ-ċittadini tal-Commonwealth tal-Bahamas meta jivvjaġġaw lejn il-Parti Kontraenti l-oħra għal perjodu massimu ta' 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum (minflok perjodu massimu ta' tliet xhur matul il-perjodu ta' sitt xhur wara d-data tal-ewwel dħul). Id-definizzjoni l-ġdida hija applikata fil-ftehim kollu bejn l-Unjoni Ewropea u l-Commonwealth tal-Bahamas dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir.

b. Dispożizzjoni finali – sospensjoni tal-ftehim (l-Artikolu 8(4))

Il-ftehim jimmodifika l-aħħar sentenza tal-Artikolu 8(4) bil-mod li ġej: "Il-Parti Kontraenti li tkun issospendiet l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għandha tgħarraf minnufih lill-Parti Kontraenti l-oħra f'każ li r-raġunijiet għas-sospensjoni ma jibqgħux jeżistu aktar u għandha tneħħi dik is-sospensjoni." Billi l-kliem "u għandha tneħħi dik is-sospensjoni" jiżdiedu mat-test attwali, il-ftehim emendat jiċċara li sospensjoni tal-eżenzjoni mill-viża għandha fil-fatt titneħħa jekk ir-raġunijiet li wasslu għas-sospensjoni jisparixxu. Dwar dan il-punt, l-emenda tallinja l-kliem tal-ftehim dwar l-eżenzjoni mill-viża mal-Bahamas ma' dak tal-ftehimiet l-oħra kollha dwar l-eżenzjoni mill-viża ffirmati mill-Unjoni fl-2015 u l-2016. Fl-14 ta' Ġunju 2016, il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Viża ġie kkonsultat dwar din l-emenda u l-ebda Stat Membru ma qajjem xi oġġezzjoni.

c. "*Komunità*" tiġi sostituta b' "*Unjoni*"

Mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, fl-1 ta' Diċembru 2009, l-Unjoni Ewropea waħedha akkwistat personalità legali kkonsolidata. Madankollu, il-"Komunità Ewropea" għadha minquxa fi ftehimiet internazzjonali li kienu daħlu fis-seħħ qabel it-Trattat ta' Lisbona, bħalma hu l-każ tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Bahamas fejn tidħol l-eżenzjoni għal soġġorn qasir. Il-ftehim ta' emenda għalhekk jissostitwixxi "*Komunità*" b'"*Unjoni*" fil-ftehim kollu dwar l-eżenzjoni mill-viża.

d. Dikjarazzjonijiet Konġunti

Żewġ dikjarazzjonijiet konġunti huma mehmuża mal-ftehim:

- Dwar l-interpretazzjoni tad-90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum, kif ukoll;

- Dwar l-Iżlanda, in-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein.

e. Dħul fis-seħħ

Il-ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tas-sitt(6) xahar wara d-data ta' meta l-aħħar Parti Kontraenti tkun innotifikat lill-oħra li tlestew il-proċeduri ta' ratifika. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u l-vjaġġaturi jkunu jistgħu jifhmu l-liġi u josservawha, huwa meħtieġ li jkun hemm perjodu ta' tranżizzjoni twil biżżejjed. Hekk kif titlesta r-ratifika tal-ftehim, il-perjodu ta' sitt xhur jippermetti lill-vjaġġaturi biex jaslu sa tmiem is-soġġorni qosra li għadhom kollha kemm huma kkalkulati taħt id-definizzjoni l-qadima, qabel ma tidħol fis-seħħ id-definizzjoni l-ġdida dwar is-soġġorn qasir u l-perjodu ta' referenza ta' 180 jum li jirreferi għall-passat.

Id-dispożizzjoniijiet l-oħra kollha tal-Ftehim eżistenti bejn il-Komunità Ewropea u l-Commonwealth tal-Bahamas dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir jibqgħu bla mittiefsa mill-Ftehim ta' emenda, inkluż l-ambitu territorjali.

6. KONKLUŻJONI

Fid-dawl tar-riżultati ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill jiddeċiedi li l-ftehim jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni u tawtorizza lill-President tal-Kunsill biex jaħtar lill-persuna/i bis-setgħa dovuta li tiffirma/jiffirmaw f'isem l-Unjoni.

2017/0170 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Commonwealth tal-Bahamas li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Commonwealth tal-Bahamas dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-punt (a) tal-Artikolu 77(2), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tat-30 ta' Novembru 2009, il-Kunsill ikkonkluda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Commonwealth tal-Bahamas dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir. Il-Ftehim jipprevedi vjaġġar mingħajr viża għaċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea u għaċ-ċittadini tal-Bahamas meta jivvjaġġaw lejn it-territorju tal-Parti Kontraenti l-oħra "għal perjodu massimu ta' tliet xhur matul perjodu ta' sitt xhur".

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 610/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17] daħħal bidliet orizzontali fl-acquis tal-Unjoni dwar il-viża u l-fruntieri u ddefinixxa soġġorn qasir bħala massimu ta' 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum.

(3) Huwa neċessarju li dan il-Ftehim bejn l-Unjoni u l-Commonwealth tal-Bahamas dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir jinkorpora din id-definizzjoni l-ġdida sabiex jarmonizza bis-sħiħ ir-reġim ta' soġġorn qasir tal-Unjoni.

(4) Fid-9 ta' Ottubru 2014, il-Kunsill adotta Deċiżjoni li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ in-negozjati dwar Ftehim biex jiġi emendat il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Commonwealth tal-Bahamas dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir (il-"Ftehim").

(5) In-negozjati mal-Bahamas dwar il-Ftehim ġew iffinalizzat b'suċċess bl-inizjalar tagħhom, permezz ta' Skambju ta' Ittri, fit-30 ta' Awwissu 2016 min-Negozjaturi Ewlenin tal-Unjoni u tal-Commonwealth tal-Bahamas.

(6) Il-Ftehim għandu jiġi ffirmat u d-dikjarazzjonijiet mehmuża mal-Ftehim għandhom jiġu approvati f'isem l-Unjoni.

(7) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fihom ir-Renju Unit ma jieħux sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill

[17] Ir-Regolament (UE) Nru 610/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen), il-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1683/95 u Nru 539/2001, u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 182, 29.06.2013, p. 1.

2000/365/KE[18]. Għaldaqstant ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhuwiex marbut biha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha.

(8) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fihom l-Irlanda ma tiħux sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE[19]. Għaldaqstant l-Irlanda mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Commonwealth tal-Bahamas li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Commonwealth tal-Bahamas dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir (il-"Ftehim") huwa b'dan awtorizzat, suġġett għall-konklużjoni tal-Ftehim.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Id-dikjarazzjonijiet mehmuża ma' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu approvati f'isem l-Unjoni.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni bis-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

[18] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħdu parti f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43).

[19] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).